# KUNSILL LOKALI
# TA' XBIEX

## Is-Sitt Kunsill



## Rapport Amministrattiv
## 2010

## Kelmtejn mis-Sindku Antoinette Vassallo

Matul din is-sena l-Kunsill ħadem bi sħiħ fuq proġetti kbar li kellu pjanati u li nista' ngħid li ninsabu ferm sodisfatti bil-ħidma tagħna lkoll.

Bħal dejjem, il-finanzi tal-Kunsill jkunu xi ftit jew wisq limitati imma l-Kunsill ħadem bl-iktar mod għaqli  u rnexxielu jkun effetiv u jilħaq il-miri tiegħu. Fil-bidu ta' din is-sena ġiet organizzata fil-Kunsill klassi ta' żfin Country. Il-parteċipazzjoni tant kienet inkoraġġjanti li minn Novembru li għadda kellha ssir klassi oħra għal *beginners*.

Matul din is-sena, il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li qajjem iktar kuxjenza dwar l-ambjent għalhekk organizzajna diversi laqgħat ghar-residenti biex ninfurmawhom dwar kif jistgħu jibżgħu aktar għall-ambjent. Fi żmien il-festi sbieħ tal-Milied il-Kunsill organizza festin żgħir għall-anzjani

Is-segwenti huwa rapport fil-qosor dwar  diversi xogħlijiet li saru matul din is-sena minbarra dawk is-servizzi li huma stipulati fil-liġi.

Antoinette Vassallo
Sindku

## Ambjent.

- Il-Kunsill baqa' għaddej bit-tindif ġenerali, kemm dak tat-toroq kif ukoll ta' diversi *soft areas* li hemm fil-lokalita'.

- Kompla jaħdem bis-sħiħ fuq is-sistema ta'separazzjoni ta' l-iskart. Grazzi għal kooperazzjoni tar-Residenti, l-Kunsill tagħna ġie kklassifikat fit-tieni post fost 54 Kunsilli bħala l-aktar Kunsill li rnexxielu jiġbor l-aktar skart per capita li jista' jiġi rreċiklat.

- Komplejna nżidu aktar bins ta' separazzjoni n-naħa tax-Xatt kif ukoll bins għal ħmieġ tal-klieb madwar il-Lokalita kollha. B'kollox għandna madwar 60 bins ġodda.

- Tħawwlu diverżi siġar endiġeni kif ukoll siġar taċ-ċitru. Matul is-sena jitkompla iż-żbir tas-siġar fejn meħtieġ kif ukoll jitħawwlu pjanti staġjonali.

## Immaniġjar tat-Traffiku.

- Tkompliet il-manutenzjoni tat-tabelli, sinjali tat-traffiku u l-marki tas-sinjali ta' l-art b'mod regolari.

- Biex titħares is-sigurta' fit-toroq tagħna l-Kunsill biddel diversi toroq minn sistemi *ta' two-way system f'one way system.* Dawn it-toroq ġew mibdula l-aktar in-naħa tal- vilel u madwar il-Paroċċa. Dawn ġew implementati wara konsultazzjoni mar-residenti kif ukoll mal-Kapillan . B'hekk ġie provdut wkoll iktar spazju għall-ipparkjar biex titaffa din il-problema.

- Saret talba għal *żebra crossings u pelican lights* fejn meħtieġ. Dalwaqt jibda ix-xogħol *taż-żebra crossing* fi triq Prinċipessa Margerita.

- Il-Kunsill baqa' għaddej bit-tħaddim tas-sistema tar-*Residents' Parking Scheme.* Sistema li reġgħet ġiet riveduta u għal darba oħra l-Kunsill reġa qassam il-permessi l-ġodda għal kullħadd kif stipulat fir-regolamenti tat-Transport Malta.

- Wara insistenza mill-Kunsill, it-transport pubbliku beda' jgħaddi minn Ta' Xbiex kull siegħa permezz tar-rotta 64 li titlaq mill-Belt għal Tas-Sliema.

<u>Xogħlijiet Infrastrutturali</u>

- Ġiet implimentata t-tieni fażi ta' kostruzzjoni u manutenzjoni ta' diversi bankini fil-lokalita'.

- Inbeda l-proġett tar-*roundabout* (in-naħa tal-blokki F1 u F2). Dan il-proġett se jkun qed jagħti identita' lil Lokal tagħna.

- Proġett ieħor li ħdimna fuqu matul din is-sena kien propju it-twaħħil tal-*Photovoltaic Panels* fuq il-bejt tal-Blokk E1. Dawn il-panelli qegħdin iservu biex titħaddem is-sistema tad-dawl tal-funtana l-ġdida u dawl dekorattiv li se jiġu nstallati fit-tieni fażi.

- Saret manutenzjoni f'diversi toroq permezz ta' *patching* u *heavy patching* fejn meħtieġ.

- Matul din is-sena l-Kunsill applika għal żewg skemi mnedija mill- Awtorita' tad-Djar . Waħda tikkonċerna il-manutenzjoni tal-partijiet komuni ta' l-Oqsma tal-Bini tal Gvern,waqt li l-oħra tikkonċerna skema intiża biex tirriġenera l-oqsma tal-madwar tal-Bini tal Gvern.Iż-żewġ skemi ġew aċċettati minn naħa ta l-Awtorita tad-Djar.

  Għal l-ewwel skema saru diveris laqgħat mar-rappreżentanti tal-blokki kollha fejn jien tajt spejgazzjoni eżatta ta' kif din l-iskema se tiġi implimentata. Għal kull blokka l-Gvern se jagħti €5000. Wara konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill, ġew magħżula s-sebgħa blokki għal din is-sena; li dawn huma Blokk D5, BlokkE1, Blokk C3, Blokk C4, Blokk C2 u Blokk B3 kif ukoll l-għaxar blokki għas-sena dieħla. Bħalissa qegħdin

fil-fażi fejn jinħareġ it-tender għax-xogħlijiet ta' dawn il-blokki.

It-Tieni Skema tinkorpora ħafna aktar xogħlijiet u l-Kunsill kellu joħroġ bi programm intiż. Dan il-programm ġie magħżul u l-Kunsill se jingħatalu s-somma ta' €75,000 u lid an irid jii mwettaq sa l-aħħar tas-sena 2012.

Il-programm se jinkorpora rikostruzzjoni ta' bankini quddiem il-Blokki B u C kif ukoll rikostruzzjoni tal-ħwat u *landscaping*. Ser issiru dwal dekorattivi kif ukoll *photovoltaic panels* fuq dawk li għandhom il-lifts. B'kollox ser issiru sebgħa settijiet ta' panelli fuq 7 blokki. Biex issir dan kollu is-somma ta' flus meħtieġa se tkun madwar €125,000.

## Attivitajiet Edukattivi,Kulturali u Kreattivi.

- Perjodikament il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza ħarġiet kulturali u edukattivi għal familja kollha.
- Itellgħu sensiela ta' laqgħat edukattivi matul ix-xhur tax-xitwa fosthom l-attivita' li tellajna fix-Xatt biex nqajjmu iktar kuxjenza dwar kif għandna nħarsu l-ambjent.
- Matul din is-sena il-Kunsill ħaseb biex jibda klassi taż-żfin bi prova,mmirata l-aktar għal dawk ir-residenti li għandhom bżonn kwalita ta' ħajja aħjar billi nippromovu aktar mobilita . Il-parteċipazzjoni kienet tant inkoraġġanti li l-Kunsill kellu jagħmel klassi oħra għal beginners.
- Il-Kunsill baqa' joffri s-servizz ta' Librerija għal kullħadd kif ukoll ta' kull sena nixtru kotba ġodda.
- Il-Kunsill baqa' joħroġ fuq bażi regolari fuljett ta' informazzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill kif ukoll jżomm kuntatt mar-residenri permezz ta' diversi avviżi li jitqassmu fir-residenzi matul is-sena sabiex inkomplu nżommu r-residenti nfurmata b'dak kolluli jkun għaddej f' dak il-perjodu.

## Ħidma Soċjali

- Il-Kunsill baqa' għaddej bis-servizz tal-Berġa mill-uffiċini tal-Kunsill stess. Żidna l-ħin tal-Berġa peress li din qed tiġi frekwentata minn ħafna residenti. Ta' kull sena nagħtu wkoll il-vaċċina tal-influwenza lil dawk l-anzjani 'il fuq min 55 sena.

- Baqgħu għaddejin il-laqgħat regolari mal-Pulizija biex nkomplu nħarsu s-sigurta' f'ċerti toroq speċjalment fejn jidħlu l-problemi ta' prostituzzjoni u l-kriminalita'.